MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 36/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia**
**Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Roque Mifsud**

**Illum 7 ta’ Frar, 2005.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Roque Mifsud ta’ 53 sena, imwieled gewwa Zebbug Malta nhar il-30 ta’ Novembru, 1951, bin Paul u Mary-Anne nee` Grech, residenti gewwa il-fond bl-isem ta’ ‘Rainbow’, Triq il-Pitkali, Attard u detentur ta’ Karta ta’ l-identita` Nru 923551(M) gie akkuzat talli H’Attard u f’dawn il-gzejjer,

nhar it-12 ta' Jannar, 2005 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'hinijiet differenti:

(1) Ikkommetta serq ta' fuel (Diesel) min gewwa vettura FAH 241 u dan a detriment ta' Victor Farrugia, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 270, 271(g), u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Ikkommetta serq ta' fuel (Diesel) min gewwa vettura KAE 316 u dan a detriment ta' Mario Grima, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 270, 271(g), u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Xjentement laqa' ghandu jew xtar hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal bie ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai terminu tal-artikolu 334(a) tal-kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok KJA1 u nnutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi ttrattat u deciz bil-procedura sommarja.

Innutat li fil-verbal tas-seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Kevin J. Farrugia u l-Ispettur Victor Aquilina iddikjaraw li t-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghat-tieni akkuza li jirrigwardaw serq, ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza.

Inoltre fl-istess Verbal l-istess Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li in kwantu ghall-ewwel akkuza kif ukoll ghat-tieni akkuza l-valuri rigwardanti l-fuel (Diesel) misruq ma

jeccedux l-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) pero` jeccedu l-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100). Innutat ukoll li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-ewwel akkuza kif ukoll it-tieni akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Kevin J. Farrugia u l-Ispettur Victor Aquilina iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-pulizija u rritornalhom ir-refurtiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280 u 281(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Roque Mifsud, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Kevin J Farrugia u l-Ispettur Victor Aquilina iddikjaraw li l-imputat ikkopera mall-pulizija u rritornalhom ir-rifurtiva u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Roque Mifsud ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin millum, l-imputat Roque Mifsud jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

In kwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricetazzjoni fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjali Prosekuturi rigward din l-akkuza fil-Verbal tas-Seduta ta' llum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, peress li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghat-tieni

akkuza li jirrigwardaw serq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Roque Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------